

# 12-IL PRINĊIPJU GĦAD-DJALOGU INTERRELIĠJUŻ FIL-LIVELL LOKALI



The Congress
Le Congrès

COUNCIL OF EUROPE
CONSEIL DE L'EUROPE

# GĦARFIEN U FEHMA TAS-SITWAZZJONI RELIĠJUŻA LOKALI

01 L-awtoritajiet lokali huma mistiedna li jieħdu kont tar-rwol dejjem jikber tar-reliġjon fil-**bini ta' identitajiet individwali u kollettivi**, u l-impatt tagħha fuq is-soċjalizzazzjoni u l-formazzjoni ta' rappreżentazzjonijiet soċjali, u fuq kif ħafna miċ-ċittadini tagħhom iħarsu lejn id-dinja. Ir-reliġjon hija l-espressjoni u r-riżultat ta' sistema ta' twemmin mgħoddija minn ġenerazzjoni għal ġenerazzjoni u ta' lealtà lejn it-tradizzjoni. Hija tgħin biex issawwar il-mod kif jaħsbu n-nies u tistabbilixxi il-valuri u r-regoli ta' kondotta.

02 Dawn l-awtoritajiet għandu jkollhom għarfien tajjeb tad-daqs relattiv tal-gruppi reliġjużi lokali u kif huma organizzati. Dawn iridu jidhru li jkunu konxji li permezz tat-tagħlim u t-taħriġ tagħhom u s-servizzi li joffru, l-attivitajiet ta' organizzazzjonijiet reliġjużi lokali ikunu ta' benefiċċju reali għall-pubbliku. Huma joffru lill-membri tagħhom sens ta' appartenenza u jgħinu sabiex joħolqu relazzjonijiet soċjali, u bħala tali huma parteċipanti sħaħ fis-soċjetà lokali. L-għarfien tal-post u r-rwol tal-minoranzi etniċi u jew reliġjużi jista' jkun akkumpanjat b'mod siewi minn sensibilizzazzjoni ugwali tal-awtorità mistura eżerċitata mill-**maġġoranza**, li ġeneralment għandha kważi monopolju fuq l-strumenti tas-setgħa lokali. Approċċ bħal dan jista' jgħin biex jipprevjeni li minoranzi jiġu sfurzati, kontra l-aħjar ġudizzju tagħhom, ġo qagħdiet difensivi. Attenzjoni partikolari għandha tingħata għar-rwol tal-familji, u speċjalment tal-ommijiet, li jgħinu biex jittrasmettu l-valuri kulturali tagħhom lill-ġenerazzjoni li jmiss, fi spirtu ta' ftuħ għas-soċjetà.

03 L-organizzazzjonijiet reliġjużi għandhom jitqiesu mhux bħala entitajiet omoġenji iżda bħala organizzazzjonijiet li huma stess xi kultant ikunu suġġetti ta' **opinjonijiet kontrastanti**. Id-deċiżjoni tal-awtoritajiet lokali dwar liema interlokuturi li se jkunu miftuħa għad-djalogu filwaqt li fl-istess ħin ikunu jistgħu jinfluwenzaw il-komunita' tagħhom, hija kritika kemm għall-preżent kif ukoll għall-ġejjieni.

# PROMOZZJONI TA' FTEHIM BEJN IL-PARTEĊIPANTI FID-DJALOGU

04

L-awtoritajiet lokali għandhom jikkontribwixxu għall-proċess ta' **skoperta ta' kulturi oħra**, billi josservaw kemm xebh kulturali **kif ukoll** differenzi, jifhmu lil dawk li jaħsbuha b'mod differenti u li ma jaqblux mat-tradizzjoni u l-prassi lokali, u jxerrdu u jqassmu din l-informazzjoni. Dan jistgħu jagħmluh billi jheġġu t-tagħlim tal-firxa sħiħa ta' għarfien reliġjuż, bil-għan li jiżviluppaw l-għarfien kulturali u mhux prassi reliġjuża. Edukazzjoni bħal din, li tingħata kemm fl-iskola u anke permezz ta' ċentri ċiviċi għall-istudju reliġjuż, se tkun fattur ewlieni fit-trawwim ta' aktar disponibbilta' u tfittxija għall-għarfien. Il-ftuħ għall-oħrajn jista' wkoll iwassal għax-xewqa li wieħed jifhem aħjar il-fidi tiegħu jew il-valuri personali u soċjali tiegħu, u b'hekk jgħin biex inaqqas ir-riskju tar-radikalizzazzjoni permezz ta' għarfien kulturali akbar. Din l-azzjoni għandha tkun mmexxija mix-xewqa li jinħolqu kondizzjonijiet għall-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel u li jkun żgurat li dawn jidħlu fis-seħħ.

05

L-awtoritajiet lokali għandhom jidentifikaw il-**mumenti xierqa** għall-iżvilupp tal-għarfien reċiproku u l-kuntatti bejn il-persuni u għat-tnaqqis ta' sentimenti ta' nuqqas ta' fiduċja, u anki biża'. L-għan għandu jkun progress regolari mill-injoranza għall-għarfien, mill-għarfien għall-fehma u mill-fehma għall-fiduċja. Attivitajiet relevanti jistgħu jinkludu żjarat f'postijiet differenti ta' qima jew il-ħolqien ta' forum jew festival annwali interkulturali jew inter-reliġjuż. Dan jista' jkun akkumpanjat mill-ħolqien ta' kunsill għar-relazzjonijiet interkulturali u inter-reliġjużi, bħala punt fokali għall-iskambju multilaterali tal-ideat.

# ĦOLQIEN TA' SĦUBIJA

06

L-awtoritajiet lokali huma **fuq quddiem nett** u l-preżenza attiva tagħhom fuq il-post, il-familjarità tagħhom mal-partijiet kollha konċernati u l-kapaċità tagħhom għall-innovazzjoni, tagħtihom rwol ewlieni u kompletament leġittimu fir-rigward ta' attivitajiet reliġjużi. Id-diskussjonijiet u l-attivitajiet tagħhom għandhom jitmexxew bil-ħsieb ta' ftuħ, innovazzjoni u esperimentazzjoni.

07 Ir-rwol tal-awtoritajiet lokali fil-promozzjoni tad-djalogu u fil-ħolqien ta' sħubijiet tkun aktar effettiva u valida fuq medda twila ta' żmien jekk ċerti **kondizzjonijiet jiġu sodisfatti mill-bidu nett**:

- rispett għal-legalità;
- promozzjoni tal-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel;
- newtralità reliġjuża u non-diskriminazzjoni;
- trasparenza fl-attivitajiet tagħhom kollha.

08 L-awtoritajiet lokali m'għandhomx ikunu direttament involuti fit-tmexxija tad-djalogu inter-reliġjuż. Il-prinċipji tas-sussidjarjetà u l-awtonomija reliġjuża għandhom jeliminaw ebda sponsorizzazzjoni jew organizzazzjoni uffiċjali ta' dan id-djalogu. Il-pożizzjoni uffiċjali għandha tkun waħda ta' **nuqqas ta' indifferenza** u **nuqqas ta' ndħil**. Ir-rwol tal-awtoritajiet lokali hija essenzjalment dik ta' faċilitaturi, medjaturi jew, jekk ikun meħtieġ, regolaturi, skont għanijiet definiti b'mod ċar u nnegozjat. Mill-pożizzjoni tagħhom, jiġifieri dik ta' newtralità studjata, id-djalogu inter-reliġjuż huwa fil-fatt ibbażat fuq ir-raġuni aktar milli fuq il-fidi, jiġifieri għarfien aktar milli twemmin.

09 Billi jisħqu fuq il-kunċetti ta' għarfien u fiduċja, l-awtoritajiet lokali jistgħu jiżguraw illi r-reliġjonijiet jiġu meqjusa mhux bħala problema iżda bħala **riżors**, permezz tal-adozzjoni ta' attitudni pożittiva lejn il-ġestjoni demokratika tal-pluraliżmu. L-attivitajiet tagħhom għandhom ikunu mmirati lejn żewġ għanijiet: li jistabbilixxu struttura **organizzattiva aktar koerenti** għad-denominazzjonijiet reliġjużi lokali u li jsaħħu il-**koeżjoni soċjali**. Il-korpi u l-imsieħba fid-djalogu mgħandhomx johorġu 'il barra mir-rwoli speċifiċi tagħhom, u għandhom jittrattaw id-djalogu l-ewwel u qabel kollox bħala ġid komuni li għandu jiġi mħeġġeg.

10 L-attivitajiet bħall-bini jew il-ġestjoni ta' postijiet ta' qima għandhom jigu maħsuba biex jippromwovu il-bilanċ u l-armonija u għandhom iħeġġu aktar trasparenza u mhux gettoizzazzjoni. Dan ifisser illi approċċ inter-reliġjuż għandu gradwalment jieħu preċedenza fuq wieħed multi-reliġjuż. l-attivitajiet tal-awtoritajiet lokali għandhom ikunu iggwidati mill-interess għall-promozzjoni ta' twemmin komuni b'Alla ta' bosta uċuħ.

11 It-tħassib tal-awtoritajiet lokali dwar id-diversità reliġjuża u d-djalogu inter-reliġjuż irid ikun rifless f'termini konkreti fil-qasam soċjali lokali, l-sport, l-edukazzjoni, il-pjanifikazzjoni urbana u l-politika kulturali u fir-relazzjonijiet tagħhom ma' assoċjazzjonijiet lokali, biex b'hekk jagħtuha **dimensjoni trasversali**. Bħala tali dan għandu jinfluwenza u jinforma l-oqsma kollha ta' attività minflok jikkostitwixxi qasam speċifiku. Jekk dawk kollha interessati huma lesti li jisimgħu lil xulxin, ikun possibbli li jinkiseb dak illi l-Kanadiżi jsejħulha «**akkomodazzjoni raġonevoli**», li tfisser li toffri lid- denominazzjonijiet l-opportunità kollha li jesprimu t-twemmin reliġjuż tagħhom, sakemm dan ma jkunx f'konflitt ma' drittijiet fundamentali oħra.

# EVALWAZZJONI

12 B'konsultazzjoni ma' organizzazzjonijiet reliġjużi lokali, l-awtoritajiet lokali għandhom jiddeterminaw bil-quddiem, liema **kriterji u indikaturi** għandhom jużaw biex jevalwaw l-effettività tad-djalogu interkulturali u inter-reliġjuż tagħhom. Dawn jistgħu jinkludu l-iżvilupp tal-għarfien tagħhom u l-ħolqien ta' networks għall-iskambji bejn reliġjonijiet jew ta' ċentri ta' taħriġ u tagħrif. Għandhom ukoll jidħlu f'kuntatt ma' rappreżentanti ta' awtoritajiet lokali oħra biex iqabblu u jikkonfrontaw l-arranġamenti differenti tagħhom sabiex jiżviluppaw l-approċċ partikolari tagħhom.

Għall-Kungress tal-Awtoritajiet Lokali u Reġjonali, il-promozzjoni tad-djalogu interreliġjuż u interkulturali huwa element kruċjali fid-djalogu bejn il-gruppi differenti li jsawru l-komunitajiet lokali tagħna.

Hija għodda effettiva fil-ġlieda kontra l-intolleranza u r-radikalizzazzjoni u fit-tisħiħ tal-kunċett «ngħixu flimkien» b'rispett reċiproku.

Il-Kungress beda x-xogħol tiegħu fuq din it-tema permezz ta' żewġ konferenzi, organizzati fl-2006 u l-2010 f'Montchanin, Franza. F'dawn il-konferenzi, ipparteċipaw fid-diskussjonijiet rappreżentanti tal-gvern lokali, akkademiċi kif ukoll organizzazzjonijiet internazzjonali u mexxejja reliġjużi, liema diskussjonijiet iffukaw fuq ir-rwol tal-awtoritajiet lokali fid-djalogu interreliġjuż - b'mod partikolari l-iskambju ta' l-aħjar prassi, il-prinċipji ta' sekulariżmu, edukazzjoni reliġjuża, taħriġ tal-mexxejja reliġjużi u l-finanzjament ta' postijiet ta' qima. Dawn it-12-il prinċipju jikkomplementaw l-ideat ippreżentati fil-White Paper tal-Kunsill tal- Ewropa dwar id-Djalogu Interkulturali «Ngħixu flimkien ndaqs fid-dinjità» adottata fl-2008.

www.coe.int/congress-intercultural
congress.intercultural@coe.int
Ippubblikat: Mar 2016

MLT

**www.coe.int**

Il-Kunsill tal-Ewropa hija l-organizzazzjoni ewlenija tal-kontinent dwar id-drittijiet tal-bniedem. Għandha 47 Stat Membru li minnhom 28 huma membri tal-Unjoni Ewropea. Il-Kungress tal-Awtoritajiet Lokali u Reġjonali huwa istituzzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa, responsabbli għat-tisħiħ tad-demokrazija lokali u reġjonali fis-47 stat membri tiegħu. Għandu żewġt ikmamar - il-Kamra tal-Awtoritajiet Lokali u l-Kamra tar-Reġjuni - u tliet kumitati, u jiġbor flimkien 648 uffiċjali eletti li jirrappreżentaw aktar minn 200.000 awtoritajiet lokali u reġjonali.

The Congress
Le Congrès

COUNCIL OF EUROPE
CONSEIL DE L'EUROPE